MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Numru 2344/1999/1

**Edward sive Eddie Farrugia**
**vs**
**Marsalite Limited u Elmo Insurance Service Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fis-27 ta’ Ottubru, 1999, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :
Illi l-attur huwa fl-impjieg tas-socjeta’ konvenuta u dan ghal dawn l-ahhar snin;

Illi fil-15 ta’ Mejju 1997, waqt li kien fuq il-lant tax-xoghol u waqt il-hin tax-xoghol fil-qadi ta’ dmirijietu huwa kien involut f’incident illi fih korra serjament u cioe’ kiser idu ix-xellugija b’mod kritiku tant illi ghadu jbaghti l-konsegwenzi sal-lum b’mod illi huwa qatt ma rega gie ghan-normal u

dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok A – D rispettivament;

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali hi unikament responsabbli s-socjeta' konvenuta minhabba li naqqset li tiehu dawk il-mizuri u prekawzjonijiet adekwati u anke li tipprovdi dawk il-mezzi l-ohra kollha li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-incident aktar il-fuq indikat, dawn baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk ghar-ragunijiet premessi li s-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident li gara fil-15 ta' Mejju 1997 waqt illi l-attur kien fuq il-lant tax-xoghol u waqt il-hin tax-xoghol f'liema incident l-attur korra serjament;
2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident anke' permezz ta' periti nominandi; u
3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenuti minn issa ingunti biex jixhdu u ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Services Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. **<u>In linea preliminari</u>**, is-socjeta'eccipjenti kienet l-agent tas-socjeta' assikuratrici estera Sun Alliance & London Insurance plc fid-data tal-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant galadarba is-socjeta’ eccipjenti giet imharrka proprio ma tistax tkun il-legittimu kontradittur tal-attur. Ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. **<u>Bla pregudizzju</u>** ghall-premess – **<u>ukoll in linea preliminari</u>** – is-socjeta’ eccipjenti anke bhala mandatarja tas-socjeta assikuratrici estera Sun Alliance & London Insurance plc ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghaldaqstant ma tistax tkun il-legittima kontradittur tal-attur. Ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
3. **<u>Bla pregudizzju</u>** ghall-premess, **<u>fil-meritu</u>** it-talba tal-attur ghandha tkun respinta stante li l-incident de quo gara unikament htija tal-attur innifsu;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta Elmo Insurance Services Limited;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Marsalite Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax htija ta’ s-socjeta’ eccipjenti izda unikament htija tal-attur innifsu;
2. It-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur;
3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjeta’ eccipjenti m’ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta Marsalite Limited;

Rat in-nota ta’ l-attur tat-23 ta’ Frar 2000 li permezz taghha ceda l-kawza fil-konfront tas-socjeta’ assikurattrici Elmo Insurance Service Limited u zamm ferm fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta Marsalite Limited;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Marzu 2001 li permezz tieghu hatret lis-Sur Charles Grixti bhala espert mediku

sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-eventwali dizabilita li sofra l-attur in vista ta' dan l-incident;

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Mr Charles Grixti, minnu ipprezentat u kkonfermat bil-gurament waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2003;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Frar 2006 li permezz tieghu hatret lill-Perit Godwin Abela bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet u tal-provi migbura u jirrelata in partikolari dwar il-mod kif kienu qed jitwahhlu l-panels cioe' jekk kellhiex tintuza aktar forza peress li kien qed jitwahhal foam bejn il-panels u jekk hux iktar indikat li kellu jintuza scaffolding u mhux sellum kif intuza f'dan il-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Godwin Abela minnu ipprezentata u ikkonfermata bil-gurament waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2007;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tal-4 ta' Lulju 2008;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Marsalite Limited tat-22 ta' Awissu 2008;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi Francis Aquilina, impjegat mas-socjeta' Marsalite Limited xehed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien prezenti. Huwa qal illi l-incident sehh fil-biccerija meta l-konvenut u shabu kienu qed jaghmlu xoghol ta' paneling, kienu qeghdin iwahhlu panels ta' l-aluminum. Dak il-hin kienu qed jippruvaw jaghmlu l-alignment ta' dawn il-panels, jaghmluhom dritti ma xulxin u kien hemm panel li

ma setghetx tidritta. Ghalhekk l-attur tela fuq is-sellum biex jipprova jaghmel dan ix-xoghol. Waqt li kien qieghed jigbed 'il barra dan il-panel, huwa waqa mis-sellum ghal isfel. Ix-xhud spejga illi dakinhar l-attur tela' fuq forci u kien 'il fuq bejn seba u tmien piedi. Ix-xhud ikkonferma li biex jaghmel dan ix-xoghol l-attur bil-fors kellu jitla fuq is-sellum. Barra mill-alignment l-attur kellu jiehu hsieb isakkar il-bokkli u ghal dan ix-xoghol bil-fors kellu jitla fuq is-sellum. Ix-xhud kien qieghed izomm is-sellum. Ma kienux qeghdin jittiehdu mizuri ohrajn u kien ghalhekk skond ma qal ix-xhud illi ma kienux qeghdin marbutin, ma kienx hemm scaffolding armat u fejn kienu qeghdin jahdmu, skond ix-xhud, ma kienx hemm spazju biex jigi armat scaffolding. Qabel l-incident in kwistjoni l-attur kien tela diversi drabi fuq is-sellum biex jaghmel xi xoghol. Ix-xhud kompla jghid illi kellhom struzzjonijiet biex jaghmlu lining tal-foam ghall-panelling sabiex ikunu jistghu jissikkawhom ma xulxin. Kienu liebsin safety shoes, izda ma kienux libsin safety helmet. L-incident gara meta l-attur beda jipprova jaghmel l-alignment tal-panels ta' l-aluminum u meta gibed wiehed minn dawn il-panels mar lura u ghalhekk waqa lura. B'konsegwenza ta' din il-waqgha l-attur wegga u ittiehed l-isptar. Ix-xhud ikkonferma li s-socjeta' konvenuta tpoggi ghad-disposizzjoni ta' l-impjegati l-ilbies kollu ghar-rigward tas-sigurta, inkluz helmet u safety shoes u l-impjegati jaghzlu jekk jilbsuhomx jew liema jilbsu minnhom, skond ix-xoghol li jkunu qeghdin jaghmlu. Ghandhom goggles u harnesses, izda huma juzaw il-harness meta jkunu qeghdin jahdmu fuq scaffolding fl-gholi.

Illi xehed Silvio Cordina, labourer mas-socjeta' konvenuta, illi qal illi kien prezenti meta sehh l-incident. Huwa spjega li kienu qeghdin iwahhlu paneling ta' l-aluminum. L-attur tela fuq is-sellum biex jillajnja wiehed mill-panels u waqt li kien qieghed jigbed biex jaghmel l-alignment, is-sucker marret u ghalhekk l-attur waqa ghal isfel b'lura u dana peress li s-sucker inqala minn go postu. Ix-xhud ikkonferma li kienu qeghdin jaghmlu xi foam max-xifer tal-pjanca, sabiex pjanca taghlaq ma pjanca ohra. Wara l-incident, tal-fabbrika kienu qalulhom biex ma jkomplux jaghmlu dan ix-xoghol. Minhabba l-foam il-pjanci kienu

qeghdin jibbiesu ma xulxin u ma setghux jaghlqu sew u kien ghalhekk illi inqala is-sucker, izda ix-xhud qal illi ma jistax ikun cert dwar dan. Ix-xhud ikkonferma li l-foam jitwahhal mal-panel meta l-panel ikun ghadu ma ittellax f'postu u jkun ghadu ma l-art. Il-pjanci li kienu qeghdin iwahhlu kienu jikkonsistu fi pjanca fuq barra u pjanca ohra wkoll fuq barra u fin-nofs kien ikun hemm il-foam. Huwa qal illi l-pjanci kienu tqal u biex itellghuhom tnejn kienu ibaghatu. Huwa ikkonferma wkoll illi kienu il-haddiema li wahlu s-suckers u illi is-suckers ghandhom clip biex is-sucker tehel mal-pjanca, izda ma ftakarx min kien wahhal is-sucker li ma zammitx u li tort ta' hekk gara l-incident. Ix-xhud qal illi ma hassx il-htiega li jzomm is-sellum li kien qieghed fuqu l-attur peress illi kien hemm haddiem iehor qieghed izomm dan is-sellum.

Illi xehed ukoll Edward Farrugia, l-attur, u qal illi dakinhar li gara l-incident kienu ser jinstallaw freezer fil-biccerija. Meta kienu ser jibdew jaghmlu dan ix-xoghol l-attur qal lil foreman David Agius biex ma idahhlux il-panels kollha fil-kamra fejn kienet ser tigi stallata l-freezer sabiex ikunu jistghu jahdmu u jkollhom aktar spazju u ghalhekk issuggerixxa li l-panels jithallew barra fil-kuritur. Id-decizjoni kienet illi kellhom idahhlu l-panels kollha fil-kamra fejn kienet ser tigi stallata l-freezer u kienu qeghdin jaghmlu din l-istallazzjoni hu u tnejn ohra. Xogholhom kien li jistallaw dawn il-panels u iwahhluhom ma xulxin u kienu qeghdin jassiguraw li l-panels ikunu imwahhlin sew ma xulxin. Jumejn wara li bdew jaghmlu dan ix-xoghol, gie rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Marsalite, certu Ronnie Cauchi u qalilhom li bejn panel u ohra kellhom jaghmlu l-packing. Kienu diga twahhlu sitt panels li kienu gew imwahhlin ma xulxin bis-sealer biss. Izda umbaghad gie deciz li jibdew jaghmlu wkoll il-packing. L-attur qal illi kien oggezzjona li jsir il-packing peress li bil-packing iz-zewg panels ma jittrassux sew ma xulxin u qal b'dan lil Ronnie Cauchi, izda kellhom jaghmlu il-packing go panel wiehed u kienu ser jibdew jaghmlu it-tieni wahda. Dan kien qed isir permezz ta' tip ta' foam, li kien jinqala minn mat-tape u tpoggih postu. Il-packing kellu jitpogga bejn il-panels. L-attur kompla jixhed illi meta ghamlu l-ewwel wahda, il-packing qabez 'il barra b'harira, izda gibidlu l-

attenzjoni ghal dan il-fatt Ronnie Cauchi fil-prezenza ta' David Agius. Meta l-attur ghamel il-packing fit-tieni panel u gie biex iross ma xulxin l-ewwel u t-tieni panel ghamel sforz kbir, inqalghu is-suckers u l-attur waqa minn fuq is-sellum li kien qieghed jahdem fuqu. Meta waqa, haduh l-isptar u sabu li kiser idejh u saritlu operazzjoni. L-attur xehed illi s-socjeta' konvenuta Marsalite kienet ipprovdiet is-safety shoes li hu fil-fatt kien libishom. Kien libes wkoll il-crash helmet, izda ma kienx marbut u ma inghata l-ebda apparat biex jkun jista jkun marbut, peress li kien qed jahdem minn fuq sellum. Huwa qal li kien qieghed jaghmel kollox b'idejh u kellu l-ghodda biex ikun jista jaghmel ix-xoghol normali fis-sens li setgha iqatta permezz ta' cutter. Il-panels kienu gholjin erba' metri u hu kien qieghed tmien piedi 'il fuq peress li kien qed jahdem fuq l-ahhar bokkla. Wara l-operazzjoni baqa jattendi l-isptar bhala outpatient. L-attur kompla jixhed illi ma marx ghand tobba privatament, izda xtara medicini u affarijiet simili. Huwa kompla jixhed illi l-pretensjoni tieghu tirrigwarda dizabilita permanenti li sofra. L-attur ikkonferma li ma kienitx l-ewwel darba li hadem fuq dawn it-tip ta' panels u kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta hamsa u ghoxrin sena. Qabel din l-okkazzjoni kien jaghmel biss sealer bejn panel u iehor u qatt ma ghamel packing. Kien ilu jaghmel xoghol fuq dawn il-panels, jew fuq panels simili, ghal hamsa u ghoxrin sena. L-attur xehed li wara li tkompla x-xoghol ma baqghux jippackjaw il-panels ma xulxin, izda ghamlu biss is-sealer. Biex tkompla x-xoghol inxtraw zewg scaffoldings godda. L-attur xehed li issa ma jistax jahdem bl-iskalpel u b'ghodda simili. L-attur xehed ukoll illi dakinhar ta' l-incident huma kienu dahlu l-panels kollha fil-kamra fejn kienu qeghdin jahdmu u ghalhekk ma setghax jigi armat scaffolding u hu kellu jahdem bis-sellum. L-attur ikkonferma li l-packing kien qieghed isir fuq in-naha ta' gewwa, cioe' fejn iz-zewg panels jinghaqdu ma xulxin u din kienet l-ewwel darba li gie moghti struzzjonijiet biex juza l-packing. Generalment kienu jaghlqu z-zewg panels ma xulxin permezz tas-sealer biss. Il-panels li kienu qeghdin iwahhlu mal-hajt kienu jidhlu ezatt ma xulxin, ma kienx hemm spazju fejn setghu jaghmlu packing. Kien hemm spazju ghar-rigward tal-panels tas-saqaf. Il-panels kellhom hxuna ta' erba'

pulzieri. Fuq in-naha ta’ barra, cioe’ dak li jidher, kien hemm stainless steel u fuq in-naha l-ohra fejn ma jidhirx kien zingu. L-attur qal li kien qieghed juza s-suckers biex ikun jista jimmanuvra l-panel ahjar u dawn is-suckers li fil-fatt inqalghu meta gara l-incident kien wahhalhom hu stess. Is-suckers kienu gew provduti mis-socjeta’ Marsalite u kienu zewg suckers godda. Is-sellum li kien qieghed jahdem fuqu kien forci u Frans Aquilina kien qieghed izommlu dan is-sellum. L-attur ikkonferma li fil-hin ta’ l-incident it-tlieta li huma kienu qeghdin fil-kamra u kienu qeghdin jahdmu biex jissikkaw l-istess panel. Wiehed minnhom, filwaqt li kien qieghed izomm f’idejh il-ganc biex jissikka, kien qieghed b’idejh l-ohra izommlu is-sellum. L-attur qal illi huwa ma waqax ghax waqa is-sellum, izda ghax marru is-suckers u bhala konsegwenza waqa hu u waqa is-sellum warajh. L-attur xehed illi waqa peress li ghamel sforz zejjed minhabba li kienu qeghdin juzaw ukoll il-packing biex jaghlqu iz-zewg panels. Ghall-ewwel Ronnie Cauchi kien gieghelu jaghmel il-packing fuq naha wahda biss u hekk ghamel fl-ewwel panel. Fir-rigward tat-tieni panel Cauchi kien gieghelu jaghmel il-packing fuq zewg nahat u ghalhekk kellu jisforza izzejjed biex ikun jista jaghlaq iz-zewg panels ma xulxin. L-attur qal illi s-socjeta’ konvenuta kienet tipprovdilhom harness, izda ma kienux juzawha peress illi hu kien qieghed jahdem fuq sellum u allura ma kellux bzonn jintrabat. Izda fuq domanda tal-Qorti, l-attur xehed illi li kieku fittex kien isib post ma x’hiex kien iwahhal dan il-harness. L-attur xehed illi meta ra l-iscaffolding il-gdid dan ma kienx biss biex ikunu jistghu iwahhlu il-panels tas-saqaf, izda bdew juzawh ukoll biex ikomplu jitwahhlu il-panels tal-hitan wara l-incident mertu tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat :

Illi mir-rapport tal-Perit Mediku Mr Charles Grixti irrizulta illi l-attur sofra ksur fil-polz tax-xellug meta waqa minn fuq sellum f’incident li kellu fuq ix-xoghol fis-16 ta’ Mejju 1997. Il-ksur gie imqieghed f’postu u iffissat bi pjanca minn barra u l-pazjent gie mibghut id-dar jumejn wara l-incident. Huwa rega’ beda jahdem f’Jannar 1998 u ghalkemm il-ksur ghaqad sew ghad hemm limitazzjoni fil-movimenti

tal-polz tax-xellug. Il-fatt illi l-ksur kien jestendi sal-gok innifsu jista jirrizulta f'artrite qabel iz-zmien u dan b'mod specjali fil-kaz ta' l-attur li ghandu xoghol iebes. L-ugiegh li jilmenta minnu l-attur huwa gustifikat u la darba ma cediex sa issa, jigifieri erba snin wara l-incident, jibqa jaghtih fastidju. Minhabba dan id-dizabilita li sofra Farrugia kagun ta' l-incident li kellu fis-16 ta' Mejju 1997 huwa ta' tmienja fil-mija (8%).

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet li ghalihom wasal il-Perit Mediku minnha innominat.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Ronnie Cauchi, id-Direttur Manigerjali tas-socjeta' konvenuta Marsalite Limited. Huwa xehed dwar l-incident in kwistjoni u qal illi l-kumpannija kienet kisbet it-tender tal-kisi tal-biccerija. L-ispecifikazzjoni kienet ghall-panels tal-Polyurethane foam, u ma kienux isiru Malta. Kienu panels li fihom erba ganci li iduru bicca ghodda u jehlu ma xulxin. L-istruzzjonijiet kienu fis-sens illi il-panels iridu jaghlqu sewwa ma xulxin biex ma tghaddix il-kesha, izda ghal xi raguni, skond it-tabib veterinarju Anthony Gruppetta, dawn ma kienux qeghdin jaghlqu sew u ghalhekk mar fuq il-post biex jivverifika. Kienu intbaghtu kwantita ta' strippi tal-foam ta' ghaxar millimetri wiesgha bi tlett millimetri hxuna u l-impjegati hasbu li dawn kienu jintuzaw biex jaghlqu il-gap. Il-ganci saru apposta biex jinghalqu b'idejn. Ma kienux ta' xi sahha partikolari u kienu jigbdu il-panels ma xulxin. Ix-xoghol kien isir billi tnejn minn nies ipoggu l-panels fic-channel u meta jersqu ma xulxin wiehed mit-tlieta jitla fuq is-sellum, jara li l-panel tkun dritta permezz ta' eye level u jorbot il-panels. Fil-genb, il-panels kellhom parti maskili u parti femminili meta dawn jidhlu f'xulxin. Meta mhux marbuta bil-bokkla, il-panels izommu wahedhom. Skond direzzjoni li l-kumpanija, inghatat mill-manifatturi Taljani tax-xoghol, il-foam kien intiz biex jitpogga mal-panels tas-saqaf u li l-panels tal-hajt kienu maghmula biex jaghlqu ma xulxin. Dwar dakinhar ta' l-incident, ix-xhud qal illi mar fuq il-post flimkien mal-foreman David Agius. Il-kamra kienet kbira u ghalkemm kien hemm numru ta' panels fiha kienet

addottata procedura tas-sigurta li meta jitwahhlu l-panels mal-hajt weqfin ikun hemm biss kwantita limitata ta' panels tas-saqaf u spazju bizzejjed biex jintrema scaffolding. Kellhom ukoll tip ta' lifter biex il-panel tkun tista tigi mghollija mas-saqaf. Huwa ftakar li ra il-haddiema bis-sellum forci li ma kienx imqieghed kontra l-panels biex jekk ikun hemm sahha dan ma jarbulax, izda kien favur il-panel, jigifieri is-sellum kien biss fuq il-wiesgha tieghu u mhux miftugh kontra is-sahha biex dan ma jeghlibx. Ix-xhud qal illi fil-prezenza ta' David Agius hu kien qal lill-haddiema li dak is-sellum kif kien imqieghed kien mehtieg li xi hadd ikun qieghed izommu ghaliex waqt ix-xoghol min ikun fuq is-sellum setgha imur lura u ikorri. Huwa u David Agius irritornaw il-fabbrika u aktar tard matul il-gurnata gie mgharraf li l-attur korra meta waqa minn fuq is-sellum. Ix-xhud qal illi s-suckers tal-lastiku kienu godda u skond id-diary li esebixxa kienet intuzat sistema ta' scaffolding. Huwa qal illi waqt ix-xoghol il-haddiema setghu inehhu l-panels u jaghmlu spazju akbar biex l-iscaffolding ikun jista jintrema, izda ma kienx ikun posibbli li tahdem il-panels tal-hajt. Fil-fatt il-panels tal-kmamar li inhadmu intremghu bl-idejn, l-ewwel torbot il-bokkla tan-nofs u ta' taht, umbaghad it-tnejn jew tlieta l-ohra. Huwa qal illi din is-sistema baqghet tintuza sal-lum. Il-foam packing kien utilizzat ghaliex kull meta jahdmu il-panels huma dejjem kienu juzaw il-foam biex mill-panels ma tghaddix arja sabiex il-kmamar ikunu airtight. Peress illi l-haddiema u t-tabib tal-biccerija gibdulu l-attenzjoni, hu kien issuggerixxa li jintuza il-foam biex il-panel taghlaq sew. Din ma kienitx operazzjoni difficli, jew li titlob sahha specjali peress li l-foam huwa artab hafna. Barra minn hekk, l-operazzjoni tal-ganc kienet li l-ewwel idur, idur biex jahbat rivet fuq il-panel l-ohra u wara ghandu ingranacc biex dan jigbed il-panels ma xulxin. Ghalkemm il-kalkolu tal-hxuna li sar, huwa xorta kien tal-fehma li l-panels kienu jaghlqu tajjeb minghajr il-htiega ta' foam u dan il-foam sar xorta wahda billi l-klijent kien qieghed isostni li l-gheluq ma kienx tajjeb bizzejjed. Dwar ilbies protettiv, huwa qal illi l-haddiema ghandhom ghall-uzu taghhom zraben, helmets u anke harnesses u hu kien jinsisti maghhom li dawn jilbsuhom. Huwa qal illi fejn gara l-incident ta' l-attur, il-harness setgha jintrabat mat-travi ezistenti tal-

kamra li kienu madwar metru ‘l isfel mis-saqaf. Fis-saqaf kollu kien hemm travi tal-hadid li jorbtu railings u li dawn ma gewx mibdula fil-kuntratt, izda misbugha biss. Huma biddlu r-rails fejn jigri l-laham b’ohrajn ta’ l-istainless steel. Dawk ta’ qabel biss kienu bis-sadid ghax kienu tal-hadid. Izda t-travi kienu ghadhom galvanizzati sew u skond il-kuntratt dawn inzebghu biss.

Ikkunsidrat :

Illi xehed David Agius u qal illi kien mar fuq il-post u tkellem ma l-attur u mal-haddiema l-ohrajn dwar ix-xoghol. Huwa qal illi l-attur kien l-iktar wiehed anzjan u allura kien il-leading man dakinhar. Il-haddiema kienu qeghdin iwahhlu l-panels mal-hajt, wara li iwahhlu kanal illi fihom kellhom jidhlu il-panels. L-ewwel kellhom jehlu l-panels mal-hajt u sussegwentement kellhom iwahhlu il-panels fis-saqaf. Ix-xhud qal illi l-incident sehh meta kienu qeghdin jitwahhlu l-panels mal-hajt. Ikkonferma li din kienet l-ewwel darba li kienu qeghdin iwahhlu dan it-tip ta’ panels, izda xehed illi it-tlett haddiema in kwistjoni kienu wahlu panels ohrajn. Huwa xehed illi is-sistema tax-xoghol kienet l-istess. Ix-xhud qal illi dawn il-haddiema kienu anke hadmu permezz ta’ suckers li intuzaw qabel dakinhar ta’ l-incident. Ix-xhud qal illi huma ma tawx struzzjonijiet biex ma jintuzax l-iscaffolding, izda skond hu kif kien jirrikjedi x-xoghol ma kienx hemm ghalfejn jintuza scaffolding waqt li kienu qeghdin iwahhlu l-panelling mal-hajt, izda kellhom juzawh bilfors meta jaghmlu l-panelling tas-saqaf. Is-sellum li kien qieghed jigi uzat kien heavy duty u kellu l-istandards kollha ghar-rigward tas-sigurta. Kien sellum tal-hadid. Ix-xhud kien prezenti meta twahhlu l-ewwel ftit panels mal-hajt, izda mhux meta sehh l-incident. Wara li sehh l-incident u gie mgharraf, huwa mar fuq il-post minnufih, izda kienu diga hadu lill-attur l-isptar. Ix-xhud qal illi dakinhar il-haddiema kellhom helmet u kellhom ukoll harness li jintuza meta wiehed jitla fil-gholi. Ma ftakarx jekk dakinhar kienux taw il-harness lill-attur jew lil xi haddiem iehor. Ix-xhud ikkonferma illi meta kien qieghed isir l-ewwel xoghol u huwa deherlu li huma kienu qed jitilghu fuq is-sellum, ma kienx hemm ghalfejn jilbsu il-harness. Huwa qal ukoll illi huma izommu log book fl-

istores ghar-rigward ta' l-equipment li jkunu qed jaghtu lill-haddiema u ghar-rigward ta' dan ix-xoghol hemm illogjat li l-haddiema kienu qed jaghmlu uzu mill-iscaffolding. Huwa qal illi l-log ma jigix iffirmat mill-haddiema, izda ikun hemm notament ta' l-istore keeper.

Ikkunsidrat :

Illi David Agius in kontro-ezami xehed illi qatt qabel dakinhar ma kienu wahlu panels ta' dak il-kobor bil-hock li kienu qeghdin iwahhlu kienu kbar erba' metri, izda dawk li kienu wahlu qabel kienu ta' tlett metri, jew ftit aktar minn tlett metri. Huwa ikkonferma illi kienu iddiskutew mal-attur il-mod kif kellhom jitwahhlu xi strips tal-foam biex iwahhlu panel ma l-iehor, izda huma uzaw l-istess metodu kif kienu juzaw is-soltu. Huwa xehed illi ma komplewx juzaw dawn l-istrixxi tal-foam biex iwahhlu panel ma l-iehor, izda bdew juzaw is-sealer u x-xoghol xorta gie tajjeb. Huwa xehed illi jiftakar illi l-attur kien qallu li meta kien qieghed jaghmel dan ix-xoghol, cioe' iwahhal l-istrixxi, kien qieghed jisforza izzejjed, anke meta kien ikun fuq is-sellum. Huwa qal illi biex jissikkaw ma xulxin il-panels wiehed bil-fors irid juza mhux biss l-iscaffolding, imma anke is-sellum.

Illi Ronnie Cauchi in kontro-ezami ikkonferma illi skond l-ispecifications li gew mill-produtturi tal-panels, il-foam kellu jitwahhal meta jkunu qed jitwahhlu l-panels tas-saqaf, u mhux meta jkunu qeghdin jitwahhlu l-panels ta' mal-hajt. Izda f'dan il-kaz kien qed ikun hemm gap kbira u ghalhekk iddecidew li juzaw il-foam. Fl-opinjoni tieghu ma setghax jintuza scaffolding, izda kellu jintuza biss is-sellum.

Ikkunsidrat :

Illi l-espert tekniku il-Perit Godwin Abela ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet :

1. illi l-attur kellu esperjenza konsiderevoli ta' dan it-tip ta' xoghol a volja f'dan il-kaz partikolari l-*panels* kienu akbar minn dawk li kien wahhal sa dakinhar;

2. illi l-attur u l-haddiema l-ohra kienu forniti bl-ilbies u l-ghodda kollha necessarji ghas-sikurta personali taghhom u dan mis-socjeta konvenuta, fost affarijiet ohra kienu forniti li-*scaffolding*, sellum tal-hadid tip *heavy duty* u *suckers*;

3. illi panel ta' li *stainless steel*, *polyurethane* u *zinc sheeting* ta' dimensjonijiet erba' metri gholja, metru wiesgha w erba' pulzieri hxuna ghandha tigi kunsiderata oggett tqil u oltre li tqil oggett mhux manuvrabbli facilment minhabba l-kobor tieghu *( bulky and unwieldy);*

4. illi *panel* ta' dak id-daqs jista' jintrefa minn taht permezz ta' *suckers*, pero ikun hemm bzonn ta' xi forma ta'direzzjoni minn naha ta' fuq tal-panel biex dan ma jinqalibx u biex jitpogga kif suppost qabel ma jinqafel mal-*panel* adjacenti;

5. illi sa kemm ma' ntuzax li-*strip foam*, deher li l-*panels* kienu qed jitpoggew f'posthom tajjeb u cioe bl-uzu ta' *sealer* biss biex jghalaq il-gonta;

6. illi l-uzu ta' li–*strip foam* fit-twahhil tal-*panels* tal-hajt irrikjeda li jsir sforz akbar biex jitressqu l-*panels* lejn xulxin specjalment minn naha ta' fuq tal-*panel*; it-*tolerance factor* tal-gonot f'*panels* bhal dawn diga jkun zghir hafna, anke b'uzu ta' materjal irqieq u artab li f'dan il-kaz kien *strip foam* ta' tlett millimetri hxuna, dan jikkawza certu diffikolta meta dawn il-*panels* jintafsu ma xulxin;

7. illi ragel fuq sellum, maqtugh seba' jew tmien piedi l-fuq mill-art, ghandu limitu ta' kemm jista jigbed jew jimbotta jew jerfa' oggett peress illi ma' jistaghax juza l-forza kollha tieghu minghajr ma' jizbilanca ruhu; saqajh fuq is-sellum ma' jkunux imbedin bizzejjed biex ikun stabbli w allura it-tqandil ta' oggetti tqal u kbar muhiex wiehed idejali minn fuq sellum;

8. illil-kamra fejn kien qed isir ix-xoghol kienet kbira bizzejjed biex bi pjanar tajjeb kien jigi armat u uzat li scaffolding li kien diga ttiehed fuq il-post;

9. illi s-sellum ma kienx qieghed jserrah vertikalment ma'hajt jew oggett stabbli u kien miftuh fuq art tac-ceramika li mihiex *non-slip*.

10. illi l-metodologija tax-xoghol u l-mizuri ta' sigurta fuq ix-xoghol iridu jigi mposti minn minn qed jidderigi x-xoghol; mhux bizzejjed li wiehed jipprovi l-ilbies u l-apparat pero hemm l-obbligu li l-ilbies u l-uzu tal-apparat u

ghodda jigu enforzati fuq il-haddiema kollha li jkunu fuq il-post tax-xoghol.

Illi l-espert tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet :

“**(a)** illi fl-opinjoni tal-esponent it-tip ta’ xoghol in kwistjoni u cioe it-tpoggija ta’ *panels* tal-hajt ta’ daqs ta’ erba’ metri gholi b’metru wiesgha fil-biccerija kien jirrikjedi l-uzu ta’ *scaffolding* ghal dik il-parti tax-xoghol li kellu jsir fil-gholi flimkien ma’ uzu ta’ *harness* biex tintrabat il-persuna li kienet qed taghmel dak ix-xoghol;
**(b)** illi fl-opinjoni tal-esponent is-socjeta konvenuta naqset li tenforza l-uzu tal-apparat ta’ sikurta fuq ix-xoghol li hi stess ipprovdit bhal *scaffolding* u *harness* peress li halliet dawn id-decizjonijiet f’idejn il-haddiema fosthon l-attur, minkejja l-prezenza mhux kontinwa fuq il-post tax-xoghol tal-Works Manager tal-istess socjeta konvenuta w ghaldaqstant ghandha terfa’ zewg terzi (2/3) mir-responsabilta tal-incident in kwistjoni;
**(c)** illi fl-opinjoni tal-esponent , l-attur stess, minkejja li kellu l-fuq minn erbgha w ghoxrin sena esperjenza f’dan it-tip ta’ xoghol, ma’ insistix biex jigu segwiti certu prattici fuq ix-xoghol u biex jittiehdu certi mizuri bhall-uzu ta’ scaffolding u tal-*harness* li gie provdut bihom w ghaldaqstant ghandu jerfa’ terz (1/3) mir-responsabilta tal-incident in kwistjoni.”

Illi l-Qorti rat l-FS3 ta’ l-attur ghas-sena li taghlaq fil-31 ta’ Dicembru, 1997 illi giet esebita u tinsab a fol. 149 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-espert tekniku il-Perit Godwin Abela, qeghda taddotta r-relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi fid-data ta’ l-incident in kwistjoni il-Ligi vigenti kienet l-Att ta’ l-1994 dwar il-Promozzjoni tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol.

Illi huwa dmir ta’ min ihaddem li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha tal-haddiema u minn perikoli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita fizika u psikologika tal-haddiema u li min ihaddem huwa obbligat li jara li jipprovdi ambjent fejn ikun hemm is-sigurta ghas-sahha tal-haddiema li ihaddem. Min ihaddem ghandu l-obbbligu li jipprovdi supervizjoni kemm tal-impjegati kif ukoll tax-xogholijiet li jkunu qed isiru. Ghandu jipprovdi wkoll struzzjonijiet dwar kif ghandu jigi ezegwit ix-xoghol. L-istandard of care li ghandu jkollu min ikun qed ihaddem huwa dak ta’ bonus pater familias. (Vide sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet Degiorgio vs Falzon tal-14 ta’ Ottubru, 2004 u Cini vs Wells tad-29 ta’ Mejju, 2001).

Illi mill-fatti irrizulta car li kien l-istess management li iddecieda li l-iscaffolding ma setghax isir biex ix-xoghol isir sew. Irrizulta illi kellu jintuza biss is-sellum u is-sellum ma kienx bizzejjed minhabba li l-attur kellu juza forza sabiex jaghmel il-panels u kien anke gibed l-attenzjoni ta’ dan lis-supervisor tieghu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Busuttil vs Meilaq et deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Dicembru, 2002 il-Qorti irriteniet li :

“Kien l-obbligu ta’ kull min ihaddem illi perjodikament jivverifika l-kondizzjoni tal-attrezzi u l-makkinarju tax-xoghol li bih l-impjegati jkunu mistennija li jahdmu”.

Illi ghalhekk kien kompitu tas-socjeta konvenuta Marsalite Limited li tara li s-sellum moghti lill-attur kien b’sahhtu bizzejjed u tajjeb ghax-xoghol li kien qieghed jaghmel.

Illi il-perit tekniku fil-kostatazzjonijiet tieghu kien ezawrjenti u il-Qorti tara li ma ghandha xejn xi izzid ma dawn il-kostatazzjonijiet u taqbel illi l-attur ghandu jerfa terz tar-responsabilta tal-incident u illi s-socjeta konvenuta Marsalite Limited ghandha terfa iz-zewg terzi l-ohrajn ta’ din ir-responsabbilita.

Illi l-Qorti tara illi ma tistax timponi il-konoxxenza individwali taghha f'materja bhal dik illi irrelata dwarha il-Perit Godwin Abela, u dan meta l-Qorti ma ghandhiex dik l-expertise necessarja sabiex tkun tista tikkonfuta b'motivazzjoni kongruwa u sobrija r-ragunijiet tal-Perit Tekniku imqabbad minnha, u il-Qorti rat f'dan ir-rigward sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fil-31 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet "Jesmond Spiteri et vs Cutajar Limited"

Illi ghar-rigward tad-danni l-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili jghid kif gej fis-subartikolu (1) tieghu :

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gab direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem totali jew parzjali li dak l-eghmil seta' jgib."

Illi huwa imprexxinibilment rikjest, sabiex ikun hemm lok ghad-danni, li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza (Vide kollez. Vol. XLIV P1 p343).

Illi l-attur qieghed jippretendi biss biss lucrum cessans .

Illi jirrizulta li meta gara l-incident in kwistjoni l-attur kellu sebgha u erbghin sena u minkejja li ma giex prodott certifikat tat-twelid jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan u lanqas dwar il-fatt illi kellu dhul gross ta' elfejn sitt mija u hames liri u sitt centezmi (LM2605.06c) li jammontaw ghal sitt elef u tmienja u sittin euro u sittax il-euro centezmu (€6,068.16).

Illi fl-istat attwali tal-izvilupp gurisprudenzjali taghna l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taqa fuq il-kriterju ekwitattiv tal-arbitrio boni viri meta bil-ghajnuna ta' metodu prattikabbli giet mill-Qorti stabbilita formula dwar il-kalkolu tal-kumpens jew somma ghad-danni sofferti.  Dan kif traccjat fis-sentenza "Michael Butler vs Peter Christopher Heard"

deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1967; izda xorta wahda il-margini tal-attitudni diskrezjonali  dejjem tithalla f'idejn il-gudikant.

Illi din id-diskrezzjoni tidher li giet adoperata fil-kaz tal-multiplier (vide sentenza fil- Qorti tal-Kummerc tat-23 ta' Marzu, 1990 fl-ismijiet "Kevin Agius vs Colin Murphy") billi din ma baqghetx marbuta mal-massimu ta' ghoxrin (20) sena "working life expectancy" kif ukoll fir-rigward tal-"lump sum percentage deduction" (vide sentenza "Mark Caruana vs Grazio Camilleri" deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1993).

Illi ghalkemm fil-fissazzjoni tal-multiplier wiehed m'ghandux min- naha l-ohra jadotta l-"maximum working life expectancy", wiehed irid izda jiehu in konsiderazzjoni c-"chances and changes of life".  (Vide sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Karen Zimelli vs Michael Sammut" tal-15 ta' Gunju, 1993).

Illi il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tkun marbuta ma xi massimu stabbilit sal-lum li fl-ahhar mill-ahhar hu dejjem arbitrarju u opinjonistiku. Fic-cirkostanzi izda l-Qorti thoss li ghandu jigi adottat il-maximum working life expectancy fir-rigward tal-multiplier effect.

Illi stabilit dan id-danni ser ikunu skond kif jigi stabbilit permezz ta' dan il-kalkolu :

Illi l-attur kellu dhul gross ta' sitt elef u tmienja u sittin euro u sittax il-euro centezmu (€6,068.16) u kien ghad jonqsu tlettax-il sena ghall-pensjoni.

Illi fir-rigward tal-grad ta' percentwali ta' menomazzjoni fizika sofferta, l-espert mediku il-Kirurgu Mr Charles Grixti ikkonstata li l-attur sofra 8% disabilita.

Illi stabbilita l-paga annwali bazi, il-multiplier applikabbli u il-grad ta' disabilita, kontegg ta' dawn il-figuri jammonta ghal erbat elef mitejn u seba euro u hamsa u ghoxrin euro centezmu (€4207.25) u  din ic-cifra tohrog minn din il-komputazzjoni:

Zewg terzi ta' €6,068.16 x 13 x 8%

Illi ghar-rigward tar-riduzzjoni ghal lump sum payment, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1995 fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe" fejn intqal hekk:

"Fir-rigward tar-riduzzjoni tal-lump sum payment il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-percentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-lump sum payment jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqas ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz ma ghandux japplika it-tnaqqis ta' lump sum payment, tenut kont tal-fatt li l-incident sehh madwar 9 snin ilu u hemm il-fattur tal-gholi tal-hajja ghal dawn l-ahhar 9 snin u b'hekk l-ammont li ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta lill-attur huwa ta' erbat elef mitejn u seba euro u hamsa u ghoxrin euro centezmu (€4207.25).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza bil-mod kif gej, billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Service Limited, tirrispingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Marsalite Limited u tilqa l-ewwel talba attrici izda limitatament fis-sens li tiddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta ghandha terfa zewg terzi mir-responsabbilita ta' l-incident in kwistjoni, filwaqt illi l-attur ghandu jerfa terz mir-responsabbilta ta' l-incident. Il-Qorti qeghda tilqa t-tieni talba attrici u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' erbat elef mitejn u seba euro u hamsa u ghoxrin euro centezmu (€4207.25) u qeghda tilqa ukoll it-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Marsalite Limited thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef mitejn u seba euro u hamsa u ghoxrin euro centezmu (€4207.25).

Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' konvenuta Marsalite Limited u in kwantu ghal terz mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------